Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 190/11 G (JE).

Jennifer Bugeja

vs

Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd.

Illum, 23 ta' Marzu 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Jennifer Bugeja tal-5 ta' April 2011 fejn stqarret illi hija f'Settembru 2010 kienet baghtet żewġt ilbiesi li jiswew € 85-il waħda biex jinħaslu għand is-soċjetà konvenuta li ġew ritornati wara xi tlett ġimgħat. Meta f'Diċembru 2010 ħarġet dawn l-ilbiesi mill-boroż, sabiethom mtebbgħa ħafna. Is-soċjetà konvenuta talbietha tibgħathom lura u wara ġimgħa, rċiviethom lura, waħda minnhom mqattgħa, u l-oħra bl-istess tbajja. Is-soċjetà konvenuta ċaħdet kwalunkwe responsabilità għal dak li ġara għalkemm diriġent tagħha rrikonoxxa mal-attriċi illi possibilment meta dawn l-ilbiesi nħaslu, ngabru fil-boroż imxarrbin. L-ilbiesi kienu għadhom ġodda għax kienu ntlibsu biss darbtejn.

Ra ir-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha bażikament stqarret illi l-ilbiesi in kwistjoni huma magħmula minn materjal delikat ħafna, ħarir m'hux maħdum, u meta waslu għandha kienu mċappsin u mtebbgħa. Għalhekk, riedet tapplika kimika partikolari imma minħabba d-delikatezza tal-materjal, it-tbajja baqgħu hemm. Meta l-attriċi llamentat, is-soċjetà konvenuta spjegatilha illi minħabba d-delikatezza tal-materjal, l-ilbiesi ma setgħux jitnaddfu aktar għax kien hemm riskju u bħala proċedura, tintalab dikjarazzjoni bil-miktub imma peress illi l-attriċi kienet minn Għawdex, is-soċjetà konvenuta qagħdet fuq il-kelma tagħha. Meta ġiet applikata l-kimika (solvent) sabiex jitnaddfu l-ilbiesi, waħda mill-ilbiesi ċediet bil-pressa tal-arja. Meta l-attriċi ġiet infurmata b'dan, biddlet il-verżjoni tagħha imma l-ilbiesi kienu tnaddfu għar-riskju tal-klijent.

Ra ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti, jirriżulta bħala fatt illi wara l-ewwel darba illi ġew tnaddfu dawn l-ilbiesi, l-ilbiesi in kwistjoni ġew ritornati lill-attriċi mtebbgħa. Anke jekk wieħed joqgħod fuq il-verżjoni tas-soċjetà konvenuta illi qabel it-tieni intervent, kienet talbet u ngħatat esenzjoni verbali ta' responsabilità da parti tal-attriċi, xorta jibqa' l-fatt li ma ġiex kontradett mis-soċjetà konvenuta illi l-ilbiesi oriġinarjament ġew ritornati mtebbgħa. It-Tribunal jifhem illi tali tbajja' kienu jiżbqu t-tbajja li oriġinarjament kienu taw lok għall-ħtieġa ta' "dry

cleaning". L-attriċi semmiet illi d-diriġent tas-soċjetà konvenuta spekula illi tali tbajja setgħu ġew kaġunati minħabba li l-ilbiesi ġew maħżuna fil-boroż meta kienu għadhom mxarrbin. Is-soċjetà konvenuta bl-ebda mod ma kkontradixxiet dina l-allegazzjoni. Għaldaqstant, jidher fuq bażi ta' probabilità illi kienet in-non-kuranza inizjali tas-soċjetà konvenuta illi tat lok għall-ħtieġa suċċessiva ta' intervent aktar drastiku u radikali li m'hux talli ma solviex il-problema tat-tbajja, talli libsa minnhom tqattgħet u tgħarrqet u l-oħra baqgħet b'dawn it-tbajja. Jirriżulta għalhekk illi ż-żewġt ilbiesi li kienu prattikament ġodda ma jistgħux jintużaw. L-anqas jidher li hemm xi kontestazzjoni dwar il-valur ta' dawn l-ilbiesi li ċertament m'huwiex eċċessiv.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attriċi u jordna illi is-soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' € 170 lill-attriċi. Bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

Minħabba n-natura tal-kwistjoni, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.